MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## IAN FARRUGIA

Seduta tat-8 ta' April, 2014

Numru. 358/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Trevor Micallef)**

**Vs**

**Fausia Aluena Alhamed**

**Shukri Abo Ghani El Massri**

**Alhssin Omer Hssin Naser**

**Il-Qorti**;

Rat li l-imputati - **Fausia Aluena Alhamed** iben Ahmed Fawzi Alwin u Alima nee` Qa`id, imwieled Tripoli nhar l-01 ta` Frar 1982, residenti St. Patrick Crt., Fl 11, Triq il-Punent, Imsida u detentur tal- permess residenti li jgib numru MT 8671674; **Shukri Abo Ghani El Massri**, iben Abo Ghani El Massri u Halima nee` Al Na`as, imwieled nhar l- 24 ta` Mejju 1983, Tripoli, residenti x`imkien fl-Msida u detentur tal-passaport nru. 656968; **Alhssin Omer Hssin Naser**, iben Omer u Mbarka nee Masud, imwieled 06 ta` Frar 1980, Tripoli, residenti x`imkien Msida, u detentur tal-passaport nru. 455635.

Gew akkuzati talli, f' dawn il-Gzejjer fis- 07 ta` April 2014 fil-hin ta` bejn il-hdax u kwart u l-hdax u nofs ta` bil-lejl (11:15p.m-11:30p.m) f` San Giljan:-

Ghamlu offiza ta natura hafifa fuq il-persuni ta` Bader Elsafrouri u Ahmed Mosbah Hassan(Art 221 Chp 9);

Nakkuzahom aktar talli fl istess data, lok, hin u cirkustanzi hebbew kontra l-persuni ta` Iman Hasan, Mansur Adiduraaouf Taher u/jew persuni ohra sabiex jingurjawhom, idejquhom jew jaghmlulhom hsara. (Art. 339 (d) Kap 9);

Nakkuzahom aktar talli fl istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament kissru l-bon ordni jew il-kwiet pubbliku, bl-ghajjat u bil-glied (Art 338 (dd) Chp 9);

**Nakkuza lil Shukri Abo Ghani El Massri wahdu talli**:

Fl istess data, lok, hinijiet u cirkostanzi heddidt lil Diego Jose Jacome Andrade u/jew persuni ohra. (Art 339 (d) Kap 9);

Nakkuzah aktar talli fl istess data, lok, hin u cirkotanzi bil-hsieb li jaghmel delitt wera dan il-hsieb b`atti esterni u ta` bidu ghal esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill- volonta taghhom. (Art 41 (1)(a), 261 (a),(f), 262 (1)(a), 270 Kap 9);

Nakkuzah aktar talli fl istess data, lok, hin u cirkostanzi seraq nuccali tad-ditta Oakley ghad dannu ta` Peter Tornyos liema serq huwa aggravat bil-'hin'. (Art. 261 (f), 270 Kap 9);

Nakkuzah aktar talli fl istess data, lok, hin u cirkostanzi hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor u cioe` vettura numru ta` registrazzjoni IBF119 tal-ghamla kia liema hsara tiskorri Euro 116.47 (LM 50) izda mhux aktar minn Euro 1164.7 (LM 500) ghad dannu ta` Sergio Tanti. (Art 325 (1)(b) Kap 9);

**Nakkuza lil Fausia Aluena Alhamed wahdu talli** :

Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor u cioe` vettura numru ta` registrazzjoni DDR 104 tal-ghamla BMW liema hsara tiskorri Euro 116.47 (LM 50) izda mhux aktar minn Euro 1164.7 (LM 500) ghad dannu ta`Dwayne Reid. (Art. 325 (1)(b) Kap 9);

Il-qorti hi gentilment mitluba illi f`kaz ta htija tiprovdi ghal garanzija ta` Bader Elsafrouri, Ahmed Mosbah Hassan, Iman Hasan, Mansur Adiduraaouf Taher, Diego Jose Jacome Andrade , Peter Tornyos, Sergio Tanti u Dwayne Reid skond artikolu 383 tal- Kap 9 tal-Kodici Kriminali.

Rat il-verbal tas-Seduta ta' llum stess;

Rat l-atti u d-dokumenti u semghet lill-Ufficjal Prosekutur jixhed bil-gurament;

Semghet l-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputati anki wara li inghataw iz-zmien skond il-Ligi sabiex jirrikonsidraw tali ammissjoni;

Semghet is-sottomissjoniet finali dwar il-piena.

Ikkunsidrat;

Illi in vista ta' din l-ammissjoni, u la darba ma hemm xejn x'jindika li din il-Qorti ma ghandhiex toqghod fuq tali ammissjoni, l-Qorti ma ghandiex triq ohra hlief li ssib htija skond l-imputazzjonijiet kif dedotti.

Qieset illi dan il-kaz beda u ser jispicca b'heffa liema bhala. U definittivament l-ammissjoni f'dan l-istadju ta` l-imputati qed tittiehed in konsiderazzjoni fil-kalibrazzjoni tal-piena. Qieset li l-imputati iridu li jaghmlu tajjeb ghad-danni kkawzati liz-zewg vittmi ta` dan il-kaz. Ghal din il-Qorti, il-fatt tar-restituzzjoni huwa fattur ferm importanti ghaliex wara kollox il-vittmi f'dan il-kaz, bhal ohrajn f'cirkostanzi simili, ikunu jridu li jirkupraw flushom, rappresentanti d-danni minnhom sofferti. Qieset illi l-ligi penali ta` pajjizna tipprovdi ghal piena u mekkanizmu specjali fejn l-isforz ikun wiehed li l-vittmi effettivament jirkupraw flushom. U fil-fehema ta` din il-Qorti, is-sanzjoni l-aktar li hi indikata ghac-cirkostanzi ta` dan il-kaz, hija dik ikkontemplata taht l-Artikoli 28A u 28H.

**Ghal-mottivi premessi l-Qorti**, wara li rat l-Artikoli 17, 31, 41(1)(a), 221, 261(a)(f), 262(1)(a), 270, 325(1)(b), 339(d), 338(dd), 383, 28A u 28H tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat **Fausia Aluena Alhamed** hati ta' l-imputazzjonijiet kollha kif dedotti kontra tieghu u tikkundannah komplessivament ghal tmintax-il (18) xahar prigunerija li, bl-applikazzjoni u ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kap 9, jibqghu sospizi ghall-perjodu ta' tlett (3) snin millum. In oltre, bis-sahha ta` l-Artikolu 28H tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta, l-Qorti qed tordna lill-hati Fausia Aluena Alhamed ihallas is-somma ta` €592.24 lil Dwayne Reid u dana fi zmien xaharejn mid-data ta` din id-direttiva; issib lill-imputat **Shukri Abo Ghani El Massri** hati ta' l-imputazzjonijiet kollha kif dedotti kontra tieghu u tikkundannah komplessivament

ghal tmintax-il (18) xahar prigunerija li, bl-applikazzjoni u ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kap 9, jibqghu sospizi ghall-perjodu ta' tlett (3) snin millum. In oltre, bis-sahha ta` l-Artikolu 28H tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta, l-Qorti qed tordna lill-hati Shukri Abo Ghani El Massri ihallas is-somma ta` €343.57 lil Sergio Tanti u s-somma ta` €150 lil Peter Tornyos u dana fi zmien xaharejn mid-data ta` din id-direttiva; issib lill-imputat **Alhssin Omer Hssin Naser** hati ta' l-imputazzjonijiet kollha kif dedotti kontra tieghu u billi jissussistu l-elementi ai termini tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta, a tenur ta' l-istess Artikolu, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmel ebda reat ghall-perjodu ta' sentejn mill-llum. Il-Qorti fissret lill-hati bi kliem li jinftiehem, il-konsegwenzi legali ta' din is-sanzjoni imposta fuqu.

Il-Qorti tat lill-hatja Alhamed u El Massri l-ispjegazzjonijiet skond l-Artikolu 28A(4) u l-Artikolu 28H(7) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

In oltre, peress illi jidhrilha li huwa xieraq, biex tipprovdi ghas-sigurta` ta` Bader Elsafrouri, Ahmed Mosbah Hassan, Iman Hasan, Mansur Adiduraaouf Taher, Diego Jose Jacome Andrade, Peter Tornyos, Sergio Tanti u Dwayne Reid, l-Qorti qed torbot lill-hatja b'obbligazzjoni taghhom innifishom taht penali ta` elfejn Euro (€2000) kull wiehed ghal zmien sena mill-llum, u dana ai termini ta` l-Artikolu 383 tal-Kap 9.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------